MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1825/2002

**AD Ventures Ltd.
vs
Millennium Marketing Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' hames mija u sebghin lira u erbgha u ghoxrin centezmi (Lm570.24c) in konnessjoni ma' servizzi ta' reklamar provduti fuq rikjesta tas-socjeta' konvenuta, liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm32.28c skond fattura numru 101732 datata 6 ta' April 2000, (b) kwantu ghal Lm66.86c skond fattura numru 101861 datata 10 ta' Mejju 2000, (c) kwantu ghal Lm 79.40 skond fattura numru 102006 datata 8 ta' Gunju 2000 (d) kwantu Lm 35.19c skond fattura 102057 datata 13 ta' Gunju 2000, (e) kwantu ghal Lm41.79c skond fattura numru 102069 datata wkoll 13 ta' Gunju 2000, (f) kwantu ghal Lm89.10 skond fattura numru 102388 datata 31 ta' Awissu 2000, (g) kwantu ghal Lm66.86c skond fattura numru 102407 datata 7 ta' Settembru 2000, (h) kwantu ghal Lm79.41c

skond fattura numru 102491 datata 9 ta' Ottubru 2000 (i) kwantu ghal Lm66.86c skond fattura numru 102892 datata 11 ta' Dicembru 2000, u (j) kwantu ghal Lm62.49c skond numru ta' fatturi bin-numri rispettivi taghhhom ikoll datati 31 ta' Dicembru 2001, u dan kollu skond kif jidher minn prospett hawn anness u mmarkat bhala dok "A".

Bl-ispejjez ta' l-prezenti, ta' l-ittra nterpellatorja datata 25 ta' Marzu 2002 u ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' April 2002 (kopji dok "B" u "C"), u bl-imghax mid-data ta' hrug ta' l-fatturi kollha sad-data tal-pagament effettiv, ikoll kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra lis-socjeta' debitament notifikata baqghet ma prezentatatx risposta.

Sema' lil Avv Dr Luigi Sansone jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u sebghin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm570.24) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------